MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 435/2000/1

Avviz Nru.: 435/00

Pollo D’Oro Ltd

Vs

Happy Saver Chainstores Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm323.45c) ammont lilha dovut ghall-merkanzija konsistenti f’tigieg u ikel iffrizat iehor lilha mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tas-26 ta’ Novembru 1999, tal-ittri ufficjali tat-13 ta’ Jannar 2000 u

tas-7 ta' Frar 2000 tal-mandat ta' qbid numru 1097/00MM presentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghax legali mis-26 ta' Novembru 1999, data tal-ittra interpellatorja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota ta' l-atturi pprezentata fit-12 ta' Jannar 2000 fejn cedew is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez.

Rat illi l-konvenuti ma dehrux fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni dwar l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-talba attrici dwar l-ispejjez tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u;

Il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

-------------------------------TMIEM-------------------------------